# L-Akbar Qanpiena ta' Malta

Kitba ta' SAL

*L-istorja tal-qniepen ta' Birkirkara, tant dawk tal-knisja l-Kolleġġjata l-Qadima kif ukoll tal-ġdida, teħodna lura ħafna snin. Hu magħruf li għall-aħħar tas-seklu sbatax kienet saret qanpiena ġdida għall-Knisja l-Qadima. Imbagħad wara ftit xhur, l-imgħallem Ġużeppi Borġ, iben il-mejjet Wenzu, bħala prokuratur ta' dik il-knisja, ma' deputati oħra maħtura għal dan il-għan, xtraw qanpiena lesta li kienet tiżen 8 qnatar u 87 ratal, (xi 700Kg.) li swiet 618 skud.*

Il-Karkariżi kienu kuntenti ħafna b'dik il-qanpiena bħalma stqarru huma stess nhar l-4 ta' Lulju 1701.

Snin wara, meta l-Kapitlu kien diġa' ttrasferixxa s-sede tiegħu għall-Kolleġġjata l-ġdida, il-prokuratur tal-knisja Dun Ġużepp Fenech, flimkien ma' Dun Ġużepp Gatt, li l-Kapitlu kien ħatarhom bħala prokuraturi għall-qniepen ġodda, xtraw mingħand l-aħwa Triganza, li kienu fundituri tal-qniepen, qanpiena tal-bronż ta' 20 qantar u 60 ratal(xi 1,614Kg). Iżda din il-qanpiena kienet ħarġet difettuża billi Triganza ma kellhomx bronż biżżejjed. Għalhekk żammewha għandhom biex jirranġawha permezz ta' erba' pernijiet tal-ħadid.

Għalkemm il-prezz li kienu ftehmu għaliha kien 2,266 skud, minħabba d-difett li kellha, dak il-prezz kien tnaqqas b'50 skud u l-fundituri aċċettaw ukoll li bħala parti mill-ħlas, jieħdu tale quale anki l-qanpiena l-kbira li kien hemm qabel u li ġiet stmata 916 skud.

Kienu għaddew aktar minn tletin sena meta l-patrijott kbir Karkariż Ċensu Borg Brared tħajjar jagħmel minn flusu żewġ qniepen oħra għall-Kolleġġjata maħbuba tiegħu. Għalhekk fid-19 t'April 1809 Brared kien ikkummissjona lill-funditur Gwakkin Triganza biex jagħmel żewġ qniepen: il-kbira ta' madwar 40 qantar u oħra iżgħar ta' 16 qantar (xi 3,200 u 1,280 Kg. rispettivament). Triganza kien ingħata sitt xhur

żmien biex ilestihom u biex idewweb il-bronż kellu jissellef l-apparat meħtieġ mingħand il-Gvern.

Aktar tard, minflok waħda mill-qniepen li kien hemm, inġiebet oħra ta' 22 qantar (xi 1760 Kg.) mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat t'Għawdex. Din il-qanpiena li għadha sal-lum magħrufa bħala l-Għawdxija fl-1820 kienet irregalata lill-Kolleġġjata mill-istess Brared. Dik il-ħabta fil-kampnari kien hemm seba' qniepen li kienu jinkludu l-kbira (l-antika) u ta' warajha, u t-tnejn iż-żgħar ta' l-arloġġ tal-faċċata tal-knisja. Il-kapitlu kien għamel sett ta' regolamenti dwar kif, meta u liema qniepen kellhom jindaqqu f'kull okkażjoni ta' matul is-sena.

• • •

Fl-1891 kienet ġiet ikkummissjonata qanpiena oħra li kien indaħal biex jagħmilha ż-żagħżugħ funditur Ġużeppi Grech. Kienet tiżen 105 qnatar (xi 8,400 Kg.) u swiet 10,600 skud. Wara li ttellgħet fil-kampnar u ndaqqet, instab li kienet difettuża u kellha terġa' titniżżel biex issir oħra minflokha. Dwar din il-qanpiena kienu saru diversi kawżi fil-Qrati Ċivili u ta' l-Appell bejn l-1893 u l-1897. Il-kumitat inkarigat malajr ħaseb biex jinbeda x-xogħol tal-funderija, li din id-darba ġie fdat f'idejn il-magħruf Ġulju Cauchi ta' Bormla. Il-qanpiena kienet ħarġet b'ton mill-isbaħ. Iżda anki hawn ix-xorti riedet li dil-qanpiena ġralha bħal ta' qabilha, u baqgħet fil-kampnar bla ma ndaqqet qatt iżjed.

Madankollu, f'moħħ il-Karkariżi baqa' dejjem iberren il-ħsieb li jerġa' jkollhom, bħalma kellhom qabel, l-akbar qanpiena f'Malta u Għawdex. Kellu jkun il-Prepostu Dun Karm Bonniċi li fl-aħħar qatgħalhom xewqithom billi ġieb minn Milan fl-Italja, il-qanpiena l-kbira Helena li għadna ngawduha sal-lum.

Bit-tħabrik ta' dan il-Prepostu u tal-Kumitat ad hoc, din il-qanpiena ġgantija saret fil-funderija Barigozzi ta' Milan fl-1931 u qamet £1,300. Il-Prepostu Bonnici kien mar personalment fl-imsemmija funderija biex jara l-aħħar fażi tax-xogħol. U kien tant impressjona ruħu favorevolment b'dak li kien ra, li minn hemm bagħat telegramm konċiż lill-Kapitlu u l-poplu Karkariż, li fih għarrafhom: Campanone visto, udito; riuscitissimo.

Il-wasla tagħha f'Birkirkara kienet

fuq karru kbir bir-roti tal-ħadid u miġbud minn żewġ bgħula, iżda fl-aħħar parti nġibed mill-irġiel Karkariżi stess. Ħadu sehem ukoll iż-żewġ baned Karkariżi li kien hemm f'dak Iż-żmien, fost il-ferħ kbir tal-poplu kollu. Imbagħad nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 1932 ġiet imgħammda u midluka solennement biż-żejt imqaddes mill-Arċisqof Mawru Caruana fuq iz-zuntier tal-Bażilika. Bħala ringrazzjament l-Arċisqof kien ingħata cheque ta' £10 biex imorru a favur tal-bini tal-knisja, illum parrokkjali, ta' San Girgor f'Tas-Sliema.

Imbgaħad, jumejn wara, il-qanpiena li ssemmiet Helena ttellgħet fil-kampnar il-kbir taħt it-treġija ta' ħila u sengħa ta' l-imgħallem Karkariż Filippu Sammut. L-għada t-tnejn, tkanta t-Te Deum bid-daqq ta' mota solenni li fiha l-qanpiena l-kbira ndaqqet għall-ewwel darba.

Sa fl-aħħar il-Karkariżi qatgħu xewqithom li jkollhom mhux biss sett qniepen mill-isbaħ, iżda wkoll qanpiena artstika u ta' ton melodjuż ħafna, kif ukoll l-akbar waħda fost dawk tal-knejjes ta' Malta u Għawdex.


Private Lessons

In Matsec 'O'Level

ACCOUNTS

by a Graduate Teacher

- Small Groups
- Individual Attention
- Special Attention to Past Papers

Starting in September
Location in Birkirkara



So Phone Now so you will join the road to Success !

Mr. James Grech • 2157 6753 • 9986 1110

Mulen-S

26, Valley Road, B'Kara
Tel: 21440753